

# Ċertifikat tat-tqarbin

## Andrew Cauchi

**Il-bollettin kien ċertifikat li jikkommettik għall-preċett ta' kull sena fl-Għid il-Kbir. Dan ifisser li l-insara kellhom, bħala dover tar-reliġjon kattolika, iqerru u jitqarbnu mill-inqas darba fis-sena għall-Għid il-Kbir.**

Meta l-parruċċani kienu jitqarbnu, il-kappillan kien jagħtihom biljett jew biċċa karta b'isimhom fuqha, magħrufa wkoll bħala timbru, siġill, boll, jew bolletta bħala ċertifikat. Dan aħna konna nsejjħulu bollettin, bullettin jew bulettin. Min kien sakranazz, jew jidgħi, jew ta' kondotta ħażina, ma kienx jieħu ċertifikat biex jista' jkompli jitqarben. F'xi każi, fl-antik, l-isqof kien ukoll joħroġ interdett jew skomunika.



NISA

ADIMPLEVIT

PASCHALE PRAECPTUM

IN SANCTA MATRI: ET PARR: ECCLESIA

S. Cajetani Thien

TERRAE HAMRUN

ANNO DOMINI 1959

Sac. M. Chircop, Parochus



Milqugħa l-istedina u mwettqa

T-TQARBINA TAL-GĦID

fil-Parroċċa ta'

San Pawl Nawfragu

IL-BELT

1967 1969 L-Arcipriet

Meta l-kappillan kien imur fid-djar wara l-Għid il-Kbir biex ibierek id-djar, kien jiġbor il-bullettin mingħand dawk li jkunu tqarbnu. MinflokU jagħtihom ieħor li jfisser permess li jistgħu jitqarbnu għas-sena li tkun ġejja. Meta jmorru jitqarbnu jieħdu dan il-permess magħhom, u jibdilulhom ma' ieħor li juri li huma tqarbnu u hekk kienet tkompli s-sistema minn sena għall-oħra.

Il-boll jew biċċa karta miktuba ta' qabel, f'nofs is-seklu dsatax bdiet issir karta stampata. Dawn il-bullettini kien ikollhom kliem bil-Latin li ftit nies biss, jew ħadd ma kien jifhem. Il-bullettin li jitqassam fid-djar qabel l-Għid kien ikollu kliem bħal *Signum admissionis ad Paschale Praeceptum Adimplendum* (li jfissru li dak li jkun għandu l-permess biex jitqarben) bħala biljett jew permess għat-tqarbin. Meta dan jinġabar mill-kjeriku jew l-abbati waqt it-tqarbina, il-biljett li jingħata minflok bħala ċertifikat ikollu kliem varju, li jfisser li saret it-tqarbina tal-Għid: *Praeceptum Paschale Adimplevit*.

Il-biċċa l-kbira tal-parroċċi kienu jistampaw bullettini bid-data lesta fuqhom. Imma xi parroċċi kienu jqassmuh darba l-bullettin, aktarx stampat bil-kuluri, u kull sena jittimbrawlu d-data u l-isem tal-parroċċa fuq wara sakemm jimtela u joħroġ ieħor ġdid. Kien hemm knejjes, mhux parroċċi, li wkoll kienu jistampaw bullettini għalihom. Kien hemm ukoll bullettini għan-nies tas-servizzi tal-*army, navy* u *air force* li ma kinux jistgħu jitqarbnu fejn iridu. Bullettini oħrajn kienu joħorġu għall-pulizija, għall-pazjenti fl-isptarijiet u għall-ħabsin.

Min ma kienx ikollu bullettin stampat bħala prova li għamel it-tqarbina tal-preċett, ma kienx jitħalla jagħmilha ta' parrinu fil-magħmudija jew fil-griżma.

Min imut, u qabel mewtu ma jkunx bidlu, ma jkollux dritt li jdaħħluh fil-knisja. F'dan il-każ, il-karru tal-mejjet kien ikun mingħajr salib u mingħajr tberik tat-tebut. Id-difna kienet tkun f'għalqa mhux konsagrata, li kienu jsejħulha l-**'miżbla'**.

Il-qassisin tal-parroċċa ma kinux ibierku d-dar ta' min ma jkunx biddel il-bullettin u kien jaqbeż dik id-dar biex irieghex lil dak li jkun mal-ġirien. Kull parroċċa kellha bullettin partikolari għaliha, għall-irġiel, għan-nisa u għat-tfal. Dawn il-bullettini baqgħu jintużaw sal-**1967**, waqt il-ħafna tibdil li sar wara **l-Konċilju Ekumeniku II.** Dan sar biex naqblu aktar maż-żminijiet tagħna.

Fil-Għid tal-1969 l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex u l-**'Labour Party'** iffirmaw dik li baqgħet tissejjaħ "**Il-Paċi tal-Għid**". Dak iż-żmien l-użu tal-**bollettin** fil-knejjes ta' Malta u Għawdex spiċċa darba għal dejjem.

MMXI

**Referenza**:

G. Lanfranco. Drawwiet u Ħajja mill-Istorja ta' Malta.

Dr. H. Ganado. Rajt Malta Tinbidel.

# Min huwa Andrew Cauchi?



Huwa twieled Ħal Luqa fl-1953, bin Joseph u Carmela neé Scicluna. Huwa miżżewweġ lil Frances Xavier neé Cardona, għandu tlett itfal; Frederick, Graziana u Elizabeth. Huwa wkoll nannu ta' wieħed li jġib l-isem ta' Michaelle. Ilu joqgħod il-Gudja għal dan l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Jaħdem bħala għalliem fil-'Kulleġġ San Benedittu', Ħal Kirkop. Huwa kullettur ta' diversi oġġetti bħal muniti li kienu jintużaw hawn Malta, 'badges', midalji, kotba Maltin (Melitensia) u interessat fil-folklor Malti. L-iktar kollezzjoni li hija għal qalbu hija l-'badges' tal-każini tal-baned. Barra minn hekk, huwa jirriċerka dwar nies li taw importanza u kontribut lil art twelidna.